# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur Dr. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, l-24 ta' Jannar, 2024

Avviz tat-Talba numru:: 219/2021 CL

**Vivendo Malta Ltd (C46406)**

**vs**

**Alex Falzon**

Ra t-talba li giet ipprezentat fis-27 ta' Lulju 2021 fejn is-socjeta attrici fethet proceduri fil-konfront tal-konvenut, wara li kienet pprovdiet sett ta' kcina li kienet giet ikkonsenjata skond il-fattura annessa, fejn l-ammont ta' elf, tmiem mija u disgha u disghin euro u wiehed u hamsin centezmu (1,899.51) kien ghadu dovut. Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali mahruga skont l-artikolu 166A tal-Kap 12 bin-numru 819/2021 u bl-imghax legali .

Ra r-risposta li giet pprezentata mill-konvenut fii-11 ta' Frar 2022, fejn sostniet illi l-allegazzjonijiet tal-kumpanija attrici huma kollha infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt. Minghajr pregudizzju ghal permess l-konvenut qatt ma kellu relazzjoni guridika mal-kumpanija attrici.

FiL-5 ta' Ottubru 2022 xehed Christopher Gauci li huwa General Manager tal-Business Unit tal-Krea illi n-negozju kien sar ma' Vivendo Retail Ltd li qabel kien jisimha Krea Malta Ltd u fl-14 ta' Jannar 2021 Vivendo Retail Ltd immergjat ma' Vivendo Malta Ltd (Dok CG1). Qabel ma saret il-merger kienu kitbu lil minn kien fadalu xi ammont pendenti biex jsir il-hlas u kienu bghatu ittra ufficjali 166A bl-istatement u rcew risposta (Dok CG2). Fl-24 ta' April 2019, Alex Falzon kien xtara kamra tas-sodda li tiswa €570 (Dok CG3) u kcina bil-mixer li kellu valur ta' €2167.19 (Dok CG4), li giet konsenjata lilu fit-13 ta' Jannar 2020, fejn kien iffirma ghaliha l-konvenut. L-ammont dovut huwa ta' €1899.51 (Dok CG6) ghax il-konvenut kien hallas l-ammont ta' €700 bhala depozitu fuq il-bedroom u l-kcina u kellu xi €72 kreditu minn qabel allura kien hemm xi €200 depozitu fuq il-kcina. Is-sistema taghhom tiggenera invoice tax-xoghol tal-gurnata ta' wara u biz-zball l-ammont pendenti tal-kcina hareg "*0*" (Dok CG5). L-ghada kif indunaw cemplulu u hu stess kien iltaqa' personalment mal-konvenut biex jfehmu li kien hemm zball genwin izda qal illi ma kienx

ser jhallashom ghax ma kienu talbuh xejn meta l-kcina giet konsenjata lilu ghalkemm fl-ordni l-ammont huwa car. Ma jiftakarx li kien hemm xi ilment dwar il-prodott min-naha tal-konvenut. Hu kien ikkomunika ukoll bil-messaggi li gew ezebiti permezz ta' nota flimkien mal-fattura tal-kcina u ritratt tal-kcina installata.

Xehed il-konvenut in ezami illi kien ilu joqghod fl-indirizz prezenti f'Bugibba xi sentejn ghax qabel kien jghix il-Kappara. Hu ikkonferma li xtara kcina minghand Vivendo li qabel kienu Krea, li giet installata Bugibba u dejjem bghatu *deliveries* zbaljati imma fl-ahhar giet installata kompluta. Hu jghid illi kien gja hallas il-kcina ghax kull meta talbuh hlas hallashom u kien ser jipprezenta l-ircevuta darb'ohra. Meta gie muri r-ritratt tal-kcina li kienet giet installata hu qal illi kien hemm bilanc pendenti ta' €78 fuqha biss. (foll 45). Ma setax jsib l-ircevuti izda kien sab rcevuta tad-depozitu datat 14 ta' Ottubru 2019 u sab mama tac-cekk fl-ammont ta' €65.64 li ikkonferma li t-tnejn li huma jidhru ikkreditati fl-istatement. l-ammont ta' €65.64 kien thallas wara li kien iltaqa' ma' Chris Gauci u l-accountant l-ufficju fejn kienu ftehmu li jaghmel l-ahhar pagament ta' €65.64 u jmorru jiehdu s-sodda ghax kienu haduhilu biz-zball, fil-fatt kellu messagg minghandhom li dak kien il-bilanc pendenti (annessi) . Wara li kienu jarmaw l-ghamara, kienu jaghtuh ircevuta u darba talbuh jiffirma fuq it-tablet izda m'accetax li jiffirma ghax ma setax jara x'kien hemm miktub.M'gharafx il-firma tieghu fid-dokument lii gie ipprezentat. Fil-kontro ezami ikkonferma li a foll 37 kien hemm il-firma tieghu u l-ammont pendenti kien jidher 0 fuq kcina bl-isem Aria, l-invoice fejn il-bilanc kien jidher ta' €1723 hu ma kienx halsu ghax kien hallas 700 depozitu. Mitlub jispjega fejn jidher dan il-pagament fill mama ta' cekk hu jghid li hallas €3330. Ikkonferma illi hu kien ilu klijent taghhom ghal xi 15 il sena u kien xtara diversi drabi qabel.

Gie ipprezentat l-affidavit ta' Joanne Vassallo li hija bint Alexander Falzon u hi kienet daret l-ircevuti tieghu u l-ammont dovut kien ta' €176.34. Missierha infurmha li kien ser jhallas dan l-ammont izda wara li kien kellimhom kienu bghatulu messagg li l-bilanc kien €77 u dan jaqbel mal-ammmont tas-slat tas-sodda. Hi ezebit kopja tac-chats minn Krea datat 4 ta' Marzu 2020. Ipprezentat 5 invoices tal-Krea kif ukoll kopja tal-mama tac-cekk book fejn jidhru hames pagamenti bin-numru tac-cekk, izda l-ircevuti ma sabithomx. Id-differenza bejniethom kien ta' €176.34 izda kienu accetaw li jhallas €77.Ikkonfermat li missierha kien xtara zewg kcejjen li wahda kienet tiswa €386.95 JVX2 u l-kcina li tidher fit ritratt AC5 li kienet tiswa €2006.80 ghax ma tafx x'jisimhom. Huma kienu ghamlu hames pagamenti differenti imma ma tafx jekk kienx ghal kcina jew bedroom imma sa fejn taf hi l-kcina kienet thalset. Fit-22 ta' Novembru 2023 it-Tribunal sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra;**

It-Tribunal sema' x-xhieda u ra d-dokumenti, jirrizulta illi l-konvenut kien ordna diversi oggetti tul is-snin tant illi fl-istatement jidher li kien hemm bilanc ta' kreditu u wara l-konvenut kien ordna kamra tas-sodda u kcina. Kien hemm zball meta giet konnsenjata l-kcina fl-invoice ghax biz-zball deher illi ma kien hemm ebda bilanc dovut. Kif is-socjeta attrici indunat b'dan iz-zball ikkomunikat mal-konvenut li ma riedx jhallas, ghax skond hu ma kien hemm ebda bilanc pendent. Gew prezentati kopji tal-mama tac-cekk fejn jidher li saru diversi pagamenti, ghalkemm ma gewx prezentati ebda ircevuti ghajr ghad-depozitu ta' €700 u ghal hlas ta' €65.54 li t-tnejn li huma jidhru fuq l-istatement. Ghalhekk stante li l-konvenut ma ipprezentax ircevuti li ghamel hlas a kont ulterjuri wara li zdiedet l-invoice tal-kcina hekk kif giet koretta f'Marzu 2020, l-ammont ta' €1899.51 kien ghadu dovut.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jiddikjara li l-konvenut huwa debitur tas-socjeta attrici u jikkundana u jordna lil -konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €1899.51 bl-imghax mid-19 ta' April 2021 sad-data tal-hlas shih u effettiv. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri kif ukoll tal-ittra ufficjali bin-numru 819/2021 ghandhom jithalsu mill-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**